MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Citazzjoni Numru. 28/2014

**Bank of Valletta plc (C2833)**

**Vs**

**Dr. Jean Paul Grech li b'digriet tal-14/02/2013 gie nominat kuratur deputat Goran Bogdanovic**

Il-Qorti;

Permezz ta′ din il-kawza s-socjeta′ attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta′ sittin elf, hames mija u tlieta u sittin Euro u sitta u erbghin centezmu (€60,563.46), bilanc ta′ self li nghata lill-konvenut flimkien ma′ interessi ulterjuri mit-tnejn (2) ta′ Frar, tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv. Ir-rikors guramentat gie prezentat skond il-procedura sommarja specjali[1] fit-14 ta′ Mejju 2014.

Rat id-digriet li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tas-6 ta′ Gunju, 2014 fid-9.00a.m;

Illi l-konvenut noe gie debitament notifikat izda ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa′ ma deherx u stante n-nuqqas ta′ opposizzjoni, il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghas-seduta tal-lum. Aktar tard deher il-konvenut noe li nforma l-qorti li ma kellu ebda kuntatti ta′ Goran Bogdanovic li huwa assenti mill-Gzejjer Maltin ghajr ghall-indirizz indikat fir-Rikors Guramentat. Il-kawza baqghet differita ghad-decizjoni in difett t′ostakolu ghas-seduta tal-lum.

Semghet bil-gurament lil Saviour Scicluna, rapprezentant tal-Bank attur, li kkonferma li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sallum ebda hlas ma sar mill-konvenut u li ghalhekk l-ammont mitlub ghadu dovut fl-intier tieghu;

Jirrizulta li s-socjeta′ attrici kienet permezz ta′ kuntratt ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Dr Kirsten Dimech datat erbgha u ghoxrin (24) ta′ April tas-sena elfejn u disa′ (2009)[2] kkoncediet self lill-konvenut ta′ *home loan*

[1] Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta
[2] Ara fol 7 *et seq* tal-process

ta' wiehed u hamsin elf u tliet mitt euro (€51,300) taht il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess kuntratt.

Illi jirrizulta mill-istatements ezebiti[3], liema statements gew ikkonfermati bil-gurament dak in-nhar tal-prezentata stess minn Saviour Scicluna, u mix-xhieda ta' l-istess Saviour Scicluna li ebda hlas ma sar mill-konvenut sa minn Gunju, 2012 sal-lum u ghalhekk ai termini tal-klawzoli (a) sa (n) tal-kuntratt a fol. 11, 12 u 13 tal-process id-dejn tal-konvenut sar pagabbli lura minnufih.

Ghalhekk m'hemmx dubju li mix-xhieda ta' Saviour Scicluna u mill-atti t-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata.

Ghaldaqstant il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi t-tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u dan billi :

(1) Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-kumpannija attrici fis-somma ta' sittin elf, hames mija u tlieta u sittin Euro u sitta u erbghin centezmu (€60,563.46);

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' sittin elf, hames mija u tlieta u sittin Euro u sitta u erbghin centezmu (€60,563.46);

[3] Ara fol 5 u 6 tal-process

(4) Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mit-2 ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-hlas effettiv bir-rati ai termini tal-kuntratt tan-Nutar Dottor Kristen Dimech ffirmat bejn il-partijiet datat 24 ta' April, tas-sena elfejn u disa' (2009)[4].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Ara fol. 7 et. seq tal-process.